# WARD FUQ QABRI

*Ta'* Pawlu Aquilina

Il-ħolma ta' żgħożiti... !
Noħlom bil-qabar tiegħi
Meta ġo qalbi hemm is-saħħa tmewweġ
U ġo dirgħajja jserrep,
Kujjum, id-demm tal-qawwa;
Meta f'għajnejja taqbeż
Ferħana 'l hawn u 'l hinn il-ħarsa kbira
Ta' min ma jafx jirtogħod,
Ta' min ma jafx jitbeżża'
Mill-waħx u l-biża' jew taħt nerv ifaqqa';
U meta fuq xufftejja
Tilgħab ħelwa u bil-mod (donnha tarbija
Tilgħab ma' xuxet ommha)
Dik it-tbissima ta' żagħżugħ ferrieħi!
Noħlom bil-qabar tiegħi!

Aktar mill-waħx, mill-biża'
Aktar minn nerv ifaqqa'
Fuq daħri mbenġel, lewn iċ-ċomb u jdemmem,
Inħoss l-uġigħ ġo qalbi
Magħsura ġo l-idejn ta' dil-Fantażma
Li miexja... miexja wrajja.
Qiegħed noħlomha trid terdagħli ħajti,
Trid tnixxef dak il-ward sabiħ li fetaħ
U li qed jiftaħ lejl u nhar jitbissem,
Fil-ġnejna ta' żgħożiti!
U l-ġlieda tibqa' sejra...
Ir-rebħa dejjem tagħha...
Ta' dil-Fantażma li jirtogħod quddiemha
Iż-żgħir, il-kbir, il-qawwi,
Li l-lum jew għada jkollu jtiha demmu!

U jien niftakar fik...
Xħin qabri sieket jibda jfeġġ quddiemi
Magħluq u mutu, fietel bil-bews tiegħek
U mżejjen sajf u xitwa
Bil-ward li ġġibli miegħek
Kull meta taħseb fija u tiġi fejni!

Kull meta tiġi fejni...
Mhux biex tibkini... le,
Imma biex tħossni aktar qrib ta' qalbek
U b'ħarsu ġewwa ħarstek,
Biex tbexxaq dawk xufftejk safja kif ħliftli!
U ttbissimli donnok qed tarani,
Mimli bil-qawwa u saħħa,
U f'għajnejja
Ix-xbieha tiegħek ħajja!
Biex tqiegħed fuqi ħiemed
Bukkett ta' ward ifewwaħ,
(Kif tfewwaħ qalbek sħiħa)
Marbut bir-rabta ħelwa
Li konna t-tnejn għamilna kollha heġġa
Quddiem Ġesù u Marija!
Għax jiena nħobbu l-ward...
Fih tistrieħ qalbi meta tkun għajjiena
Bil-ġirja bla waqfien ta' din il-ħajja.
Ġibli fix-Xitwa,
Il-Krizantemi u n-Narċis bajdani
U fil-jiem Sajfija,
Kmieni, kif jasal Marzu, April u Mejju,
Il-Ġiżi jfuħ, il-Qronfol,
Il-Ġilju, it-Tulipan u l-Ward t'Awissu
Li twieled jifraħ miegħi,
Li kont inħobb u ngħożżu!

Hekk, iva, ejja, ja ħanina qalbi!
Ejja iġri fejni
Bil-ward ifuħ fi ħdanek!
Jiena nkun hemm...
Inkun qed nistenniek b'dirgħajja beraħ
Biex bil-ward miegħek ngħannqek u naħliflek
Li għadni nħobbok,
Li għadni kollni tiegħek...
Imbagħad inserraħ dax-xufftejn ma' tiegħek!
Wara Alla, lilek;
Lilek biss... u warajk il-ward saltnati,
Li tibqa' tgħanni wkoll sabiħ minn qabri!

23. 7. 50.